# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t' Ottubru, 2016

Appell Nru: 23/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Aaron Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Aaron Cassar, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-nurmu 137880M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Novembru, 2010 ghall-habta ta' 08:45hrs fi Triq il-Forn, Hal Lija:

1. Bhala persuna li kien gie kkundannat f'Malta ghal-serq jew ghal ricettazzjoni nstabu fil-pussess tieghu frottijiet, xtieli jew prodotti ohra tar-raba' jew tal-gonna, jew ta flus jew ta' oggetti ohra, li ma kienux ta' kondizzjoni tieghu, minghajr ma' ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu inkella nstabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew zgassar ta' serraturi jew instabu ghandu forom ta' serraturi minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu f'dak iz-zmien.

2. Bhala persuna li kien gie kkundannat ghal reat b' sentenza definittiva ghamel reat iehor u b'hekk gie recidiv.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Jannar, 2015, li biha wara li rat l-artikoli 49, 50 u 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Aaron Cassar hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva w kkundannatu ghal piena ta' xahrejn (2) prigunerija. Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-oggetti sekwestrati mill-Pulizija a favur tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Aaron Cassar, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Jannar, 2015, fejn talab lill-din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, billi, thassarha u tirrevokaha u tillibera lil appellant skond il-ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriforma in rigward il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma s-segwenti: Wara informazzjoni anonima moghtija lill-Pulizija illi persuna kien ilu hin twil gewwa vettura vicin banka tal-lottu u li b'hekk kien qed iqanqal suspett, l-Pulizija accedew fil-post u sabu lill-appellant bilqieghda gewwa vettura. Minn tfittxija li saret f'din il-vettura, fuq wara fil-bagoll

instabu zewg turnaviti u bicca firdiferru. Peress illi l-appellant kien mgharuf mal-Pulizija, staqsewh x'kien qed jaghmel hemm izda ma wegibx u anqas ma wiegeb dwar l-oggetti misjuba fil-vettura;

2. Quddiem din il-Qorti l-appellant xehed illi l-vettura kien xtraha minghand iz-zija tieghu madwar xaharejn u nofs qabel bil-prezz ta' tlett mitt Euro, kienet ghaddiet minn hafna idejn u gieli silifha lill xi habib. Dak il-hin ma qalx lill-Pulizija li kien qed jistenna t-tfajla jew habiba tieghu ghaliex kien ghadu kemm iltaqa' maghha u kieku qalilhom isimha certament kienu jkellmuha u jhassrulu kollox. Kwantu ghal din l-ghodda, l-appellant jghid illi kien hemm *tester* tal-elettriku ta' madwar sitt pulzieri, turnavit b'rasu stilla li kienu tieghu izda ma deherlux li l-firdiferru kien qeghdha hemm hu;

3. L-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

**287. Kull min, wara li jkun gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti ohra tar-raba', jew tal-gonna, jew ta' flus, jew ta' oggetti ohra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu; inkella jinsabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, <u>jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi,</u> jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur.** (sottolinear tal-Qorti).

L-appellant tressaq quddiem il-Qorti sabiex iwiegeb ghal-dik il-parti tal-artikolu 287 sottolineata minn din il-Qorti, igifieri li kien fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi wara li kien misjub hati ta' serq. Il-prosekuzzjoni ressqet dik il-prova ta' sejbien ta' htija precedenti l-kwistjoni odjerna u l-ewwel Qorti sabitu hati;

4. Issa, fl-aggravju tieghu l-appellant jilmenta illi t-tester li nstab fil-pussess tieghu huwa bicca ghodda hafifa li huwa impossibbli tikkommetti xi serqa bih. Huwa ma jsemmi xejn fir-rikors tieghu dwar it-turnavit l-iehor tal-istess daqs izda fix-xhieda tieghu jikkonferma li kienu zewg turnaviti u spjega illi dawn kien uzahom biex iwahhal zewg *speakers* f'din il-vettura. Din il-Qorti, wara li fliet l-atti processwali, tinnota illi dawn l-oggetti **qatt** ma kienu esebiti quddiem l-ewwel Qorti. Frankament din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni li dawn iz-zewg bicciet ghodda kienu *tajbin ghal ftugh jew sgassar ta' serraturi* minghajr ma tarahom *ictu oculi* aktar u aktar meta kien hemm kontestazzjoni daqshekk qawwija dwar il-qies u natura dghajfa taghhom. Ma tistghax din il-Qorti ukoll tifhem kif mid-deposizzjonijiet kollha, igifieri ta' tlett ufficcjali tal-Pulizija u dik tal-appellant, l-ewwel Qorti ghazlet li tirregistra biss dik tal-appellant meta kienet tirrizulta kontestazzjoni daqshekk kritika dwar il-qies u l-probita' ta' uzu hazin tal-oggetti misjuba;

5. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li wasslet ghaliha u f'dan il-kaz ser ikollha tissostitiwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti u tghaddi biex thassar is-sentenza appellata.

6. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement ma ssibx lill-appelant hati u tilliberah minn kull htija u piena.